**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Jeonot Xiberras ta’ 16-il sena iben Victor u Rose nee` Pace li joqghod ‘Vicrose’, Gajdoru Street, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta’ Identita’ numru 32785 (G)**

Illum 22 ta' Mejju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-15 ta’ Frar 2002 ghall-habta tas-7:15 p.m. f’ Victory Square, Xaghra, Ghawdex saq il-vettura Nru CBD 676 ta’ l-ghamla Suzuki: (1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita` tat-Trasport ta’ Malta (2) minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni rigward ir-riskji ta’ terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba barra mill-piena stabbilita mill-istess Qorti jigi sospiz milli jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (A) tal-Kap 65, u 3 tal-Kap 104;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat kien ghadu minorenni fi zmien tal-kommessjoni tar-rejat tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25).

Oltre dan tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur